
6 ta' Marzu 2020

Punt ta' aħbarijiet

L-EBA tniedi sejħa għal espressjoni ta' interess għall-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati (BSG) I-ġdid tagħha

L-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) nediet illum sejħa għal espressjoni ta' interess għall-sħubija fil-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati (BSG) I-ġdid tagħha, b'konsegwenza tal-Proċess tar-Rieżami tal-ASE li seħħi fl-2019 u daħħal fis-seħħi f'Jannar 2020.

Il-mandat tal-membri attwali se jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2020. Is-sejħa għal espressjoni ta' interess hija miftuħa għal kandidati li jirrappreżentaw partijiet interessati fl-Unjoni Ewropea kollha. L-iskadenza għall-applikazzjoni hija t-3 ta' April 2020.

Proċess ta' applikazzjoni

Is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess għal sħubija fil-BSG hija miftuħa għal kandidati li jirrappreżentaw partijiet interessati fl-Unjoni Ewropea kollha. L-iskadenza għall-applikazzjoni hija t-3 ta' April 2020.

Id-dokumenti rilevanti għall-applikazzjoni jistgħu jinstabu fuq: <https://eba.europa.eu/about-us/organisation/banking-stakeholder-group>

L-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn CV f'format Europass. Il-kandidati huma wkoll mistiedna jipprovdit ittra ta' motivazzjoni li tindika b'mod ċar ir-raġunijiet għall-applikazzjoni kif ukoll l-aspettattivi ewlenin fir-rigward tal-kontribut futur tal-kandidat fil-ħidma tal-BSG.

Proċess ta' għażla

Dettalji dwar il-proċess ta' għażla jistgħu jinstabu fid-dokument tal-proċedura tal-għażla.

Id-deċiżjoni finali dwar il-kompożizzjoni tal-BSG ser tittieħed mill-Bord tas-Superviżuri tal-EBA sa nofs Ġunju 2020. L-applikanti ser jiġu infurmati b'dan sal-aħħar ta' Ġunju 2020 u l-kompożizzjoni tal-BSG il-ġdid ser tkun magħmula disponibbli fuq is-sit web tal-EBA.

L-ewwel laqgħa tal-BSG li jkun għadu kif ġie kompost se ssir fis-7 ta' Lulju 2020.

Informazzjoni ta' sfond

Il-BSG huwa stabbilit, skont l-Artikolu 37 tar-Regolament ta' Twaqqif tal-EBA, biex jgħin jiffaċilita d-djalgu u l-konsultazzjoni mal-partijiet interessati dwar il-ħidma tal-EBA.

F'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹ li jistabbilixxi Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), l-Awtorità hija meħtieġa tistabbilixxi l-BSG f'konformità mar-rekwiżiti stipulati mill-Artikolu 37 (2) tar-Regolament.

L-Artikolu 37 ġie emendat b'effett mill-1 ta' Jannar 2020. Il-bidliet, li huma relatati mal-kompożizzjoni, it-tul tal-mandat u l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet tal-Gruppi tal-Partijiet Interessati, jeħtieġu li l-EBA tistabbilixxi mill-ġdid l-BSG b'kompożizzjoni differenti.

F'konformità mal-emendi, il-BSG se jkompli jkun magħmul minn 30 membru. Dawk il-membri issa se jinkludu:

- (i) 13-il membru li jirrappreżentaw, b'mod proporzjonat, istituzzjonijiet finanzjarji li joperaw fl-Unjoni, li minnhom tlieta għandhom jirrappreżentaw banek kooperattivi u tat-tfaddil;
- (ii) 13-il membru li jirrappreżentaw ir-rappreżentanti tal-impiegati ta' istituzzjonijiet finanzjarji li joperaw fl-Unjoni, il-konsumaturi, l-utenti tas-servizzi bankarji u r-rappreżentanti tal-SMEs; u
- (iii) Erba' membri li huma akkademiċi indipendenti fl-ogħla karigi.

Il-BSG tal-EBA jiltaqa' mill-inqas erba' darbiet fis-sena fl-uffiċċju tal-EBA u fuq inizjattiva tiegħu stess meta jkun meħtieġ. L-EBA tkopri l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u l-ivvjaġġar għall-kategoriji li ġejjin ta' partijiet interessati: konsumaturi, akkademiċi, rappreżentanti tal-impiegati u tal-SMEs, u utenti ta' servizzi bankarji. Kull membru tal-BSG tal-EBA jokkupa l-kariga għal perjodu ta' erba' snin u t-termini individwali jistgħu jiġieddu darba. Aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-BSGs tista' tinstab [hawnhekk](#).

¹ <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02010R1093-20140819&from=MT>